DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ..........................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ....................................   DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## GĦASFUR TAĊ-ĊOMB

*GTĊ – 3 Att, 1 Xena, p.134 (m)*

### SAMWEL

**IL-MOSTRU TAL-QIEGĦ.**

Immur fejn? X'taħseb? Is-Seminarju – lura s-Seminarju forsi, min jaf?

*(Jidħaq.)* Le – le, Nann. Tibżax! M'iniex sejjer lura hemm... Imma arakom! Arakom! Diġà sa tibdew – diġà erġajtu bdejtu! Min sa jirbaħ! Sa tgħaddi tiegħu? Sa nitlef jien! Hu? Hi? Hu? Arakom!

/ Le, tinkwieta xejn, Nann. Tinkwieta xejn. Ma mmurx minħabba fik. *(Jitbaxxa u jbusha ħafif fuq ġbinha. Tibda sa tieħu r-ruħ... sakemm:)* Immur minħabba fija. Inkella veru kontrija biss inkun nista' nkompli neħodha. Fantażma ieħor li ma nafux. Mostru ieħor. Għax min jaf il-mostru fejn hu f'did-dar? Forsi jien ukoll f'did-dar ma kont ħadd. Forsi jien bniedem ieħor li qatt ma għex – għajr fid-dellijiet tagħkom ilkoll.

Kif kien jgħid Eżra?... Jaqaw jien il-baħar jew il-mostru tal-qiegħ biex tpoġġu għassa fuqi? Imma issa l-għassa tneħħiet u ma rridx insib li jien il-mostru tal-qiegħ – kif bżajtu intom.

Għax ħaġa hi żgura – li l-mostru hu hawn ġew, ġo din id-dar, fejn ħloqtuh intom. *(Idur fuq PETRA.)* Int imma tista' tibqa'. Int barranija kont, u barranija għażilt li tibqa'. *(<165)*

PDF p. 134

| | | |
|---|---|---|
| **ĦIN** | MASSIMU ........... | MINIMU ............ |
| **PROPS** | ........................................................................ | |
| **VIS Á VIS** | LE ☐ | IVA ☐ = ................................ |
| **SILTA** | DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN. | |